MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 913/2002/1

**Avviz Numru 913/02 AJD**
**Vella Brothers (Tal-Bidnija) Limited**

**vs**

**Tarcisio Galea di prorio u Carin Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u tlettax il-lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1213.49) rapprezentanti bilanc li ghad fadal dovut mill-konvenuti u , jew min minnhom, in konnessjoni ma' xoghlijiet u materjal debitament mahduma mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenuti u, jew min minnhom, kif jirrrrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok. MV1.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:
1. Mhux minnu li l-konvenuti ghandhom jaghtu l-ammont mitlub fl-Avviz lil Vella Brothers (Ta' Bidnija) Limited.
2. Il-konvenuti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.
3. Bla pregudizzju ghal premess Tarcisio Galea, li propjament jismu Francis Galea, qatt ma ghamel neozju mas-socjeta' attrici fil-kapacita' tieghu personalmeent.
4. Dejjem ba pregudizzju ghal premess l-azzjoni attrici hija nsostenibbli ghaliex jekk jirrizulta li s-socjeta' attrici ghandha xi jeddijiet kontra l-konvenuti u, jew min minnhom, tista' titlob biss il-hall tal-kuntratt jew meta jkun possibbli, li ggieghlhom jesegwixxu l-obligazzjoni u mhux titlob kundanna ghal hlas.
5. Illi ghalhekk dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kaz.
6. It-talbiet attrici ghandhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' Mario Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda r-raba' u l-hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' referenzi prezentata mill-konvenuti.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda r-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' skrittura li tinsab esebita a fol. numru 15 u 16 tal-process sar kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet fejn gie miftiehem li l-ahhar pagament in kwantu jirrigwarda l-prezz tax-xoghlijiet u materjal supplit mis-oscjeta attrici kellu jsir sa xahar wara li jkun inhareg il-kont tal-kejl tal-perit u li *"Dan ix-xoghol se jsir bi tpartit ta' konkos, bricks etc minghand Polidano Brothers ghan-nom ta' Tarcisio*

*Galea, Bidnija".* Mario Vella in rappresentanza tas-socjeta' attrici xehed li meta nharget il-fattura rigwardanti x-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici,, fl-24 taa' Marzu 1998, il-konvenut Tarcisio Galea kien talab li s-socjeta'' atttrici tiehu x-xoghol ta' konkos eccetera minghand SA Construction Limited minflok minghand Polidano Brothers kif miftiehem originarjament. Is-socjeta' attrici accettat li ssir din il-bidla fil-ftehim originali u l-konvenut hareg awtorizzazzjoni f'dan is-sens lil S.A Construction Limited ( a fol. 17) fejn huwa talab lil din tal-ahhar tissuplixxi lis-socjeta' attrici b'materjal ammontanti ghal prezz ta' Lm7558.00 u tpoggi dan il-prezz fuq il-kont li l-konvenut kellu ma' din is-socjeta' Meta s-socjeta' attrici kienet lahqet hadet materjal sal-valur ta' Lm5266.51 minghand SA Construction Limited din tal-ahhar falliet u ma baqghetx topera. Sussegwentement kien sar arrangjament iehor ta' tpartit bejn il-partijiet fejn gie mnaqqas l-ammont ta' Lm11078.00 mill-ammont li kien ghadu dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici u ghalhekk kien ghad jonqos jithallas bilanc ta' Lm1213.49. Dan l-ahhar ammont jifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Is-socjeta' attrici fil-fatt qed titlob li l-konvenuti u, jew min minnhom jigu kkundannati jhalsuha dan l-ammont.

Illi l-konvenuti jirritjenu li l-azzjoni attrici kif proposta hija nsostenibbli stante li s-socjeta' attrici qatt ma setghet titlob kundanna ghall-hlas izda kellha titlob jew li li jinhall il-kuntratt relattiv jew altrimenti titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jesegwixxu l-obbligazzjoni minnhom assunta.

Illi mill-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet u mill-arrangjamenti li saru sussegwentement jirrizulta inekwivokabilment li l-modalita' ta' pagament miftehma bejn il-partijiet ghax-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' attrici kellha tkun permezz ta' tpartit jew 'bartering'. Il-ftehim jghhid car u tond li *"Dan ix-xoghol se jsir bi tpartit ta' konkos, bricks etc minghand Polidano Brothers ghan-nom ta' Tarcisio Galea, Bidnija".* Sussegwentement is-socjeta' attrici kienet accettat li l-ftehim jigu mibdul fis-sens li l-materjal jigi supplit minn SA Construction Limited u mhux minn Polidano Brothers. Jirrrizulta ghalhekk li l-konvenut qatt ma accetta li jhallas il-prezz tax-xoghlijiet in kontanti u

huwa principju ben stabbilit fil-ligi taghna li l-Qorti, u f'dan il-kaz it-Tribunal,, ma jistghax ivarja dak miftiehem bejn il-partijiet.

Illi l-konvenuti qeghdin jinvokaw l-Artikolu 1069(1) tal-Kap. 16 liema Arttikolu jipprovdi hekk:
*"Meta l-kundizzjoni rizoluttiva, sew dik maghmula espressament kemm dik li titqies bhala maghmula, tkun ghal kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista' taghzel, jekk il-kundizzjoni isehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lil parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli".*

Illi s-socjeta' attrici tirribatti li dan l-Artikolu m'huwwiex applikabbli ghal kaz odjern stante li m'hemmx kundizzjoni risoluttiva fil-ftehim bejn il-partijiet trattandosi ta' kuntratt ta' appalt fejn il-konsiderazzzjoni m'hijiex iin kontanti izda "bin-natura". F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-Artikolu 1068 tsl-Kap. 16 li jghid li *"Il-kundizzjoni risoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha".* Fil-kaz odjern irrizulta li l-konvenuti u, jew min minnhom naqsu mill-obbligu minnhom assunt fis-sens li s-socjeta' attrici tithallas ghax-xogghlijiet minnha maghmula ad inkarigu taghhom permezz ta' materjal supplit minn SA Construction Limited u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 1068 hawn fuq citat il-kundizzjoni risoluttiva tinghadd li giet maghmula.  L-istess Artikolu jistabbilixxi koll li f'dawn il-kazijiet il-kuntratt relatttttiv ma jinhallx 'ipso iure'' u l-Qorti tista' taghti zmien xieraq lill-konvenut.  Isegwi li ai termini tal-Arrtikolu 1069 l-azzjoni attrici kif proposta hija nsostenibbli stante li l-ligi tipprovdi rimedji specifici f'cirkostanzi bhal dawk tal-kaz odjern fejn is-socjeta' attrici hija kreditrici ta' obbligazzjoni assunta mill-konvenuti u, jew min minnhom. Is-socjeta' attrici kellha tipproponi l-azzjoni taghha billi jew titlob il-hall tal-kuntratt jew l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni assunta. Peress li l-konvenuti u, jew min mnnhom,, qatt ma assumew l-obbligu li jhallsu in kontanti, s-socjeta' attrici qatt ma setghat tipproponi l-azzjoni taghha billi titlob il-kundanna ghall-hlas. Dan ovvjament jinghad b'rizerva

ghall-kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti u , jew min minnhom, ai termni tal-Artikolu 1069(2).

Illi una volta li gie stabbilit li s-socjeta' attrici ma setghatx titlob kundanna ghall-hlas isegwi wkoll li fi kwalunkwe kaz il-kwistjooni hija l'hinn mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal kif ipprovdut fl-Artikolu 3(2) tal-Kap. 380.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' r-raba' eccezzjoni sollevati mill-konvenuti jiddikjara l-azzjoni attrici inammissibbli u konsegwentement jichad l-istess talba.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**